Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 2/2016AE

**Jennifer Sammut (appellat)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellant)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. L-appellant appella minn decizjoni tal-15 ta' Dicembru, 2015 li biha l-Arbitru laqa' l-appell tal-appellata u ordna lid-Dipartiment sabiex ikompli jhallasha l-ghajnuna socjali. Fid-decizjoni l-Arbitru qal:

   *"Illi l-Arbitru wara li sema' l-appellanta kif ukoll l-ispettur mill-Benefit Fraud Investigation Department u kif ukoll ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti mill-appellanta, huwa tal-fehma illi l-Benefit Fraud Investigation Department ma rnexxilhomx jippruvaw il-kaz taghhom ghas-sodisfazzjon tal-ligi sabiex l-ghajnuna socjali li kienet qieghda tigi moghtija lill-appellanta tigi mwaqqfa.*

   *Illi l-Arbitru jinsab ukoll rinfaccjat bl-eccezzjoni ta' preskrizzjoni izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 108(9) qieghed jiccita l-principju tal-ewkita u l-gustizzja u jiddikjara li jkun ingust li l-appellanta tigi soggettata ghal decizjoni tad-Dipartiment a bazi ta' rapport li m'ghandu ebda sostenn fattwali".*

2. **<u>Fatti</u>**.

   i. Fit-3 ta' Awissu, 2012 l-appellata kienetipprezentat ittra fejn talbet li jsiru proceduri ta' medjazzjoni sabiex wara tigi awtorizzata tipproponi proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha Ivor Zammit.
   ii. Fis-17 ta' Awissu, 2012 l-appellata kienet applikat ghall-ghajnuna socjali. Fl-applikazzjoni ddikjarat li kienet qeghda tghix separatament minn ma' zewgha Ivor Sammut, u li kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni. Fl-applikazzjoni ddikjarat li qeghda tghix fil-fond The Weeping Madonna, Triq Wied ir-Rihan, Nadur.
   iii. L-appellanti kienet tircievi l-ghajnuna socjali sal-4 ta' Lulju, 2014.
   iv. Fis-26 ta' Gunju, 2014 l-appellant baghat avviz lill-appellata li ma kinitx iktar intitolata ghall-ghajnuna socjali ghaliex ma kinitx qeghda tifforma familja ghal rasha jew ma kinitx qeghda tghix fl-indirizz li tat lid-Dipartiment.

3. L-aggravji tal-appellant huma:

   i. Dwar ic-cahda tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

ii. Dwar il-meritu. Mill-provi kien irrizulta li l-appellata u binha ma kinux qeghdin ighixu fl-indirizz moghti mill-appellata.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

4. L-appellant isostni li d-decizjoni tieghu kienet datata 26 ta' Gunju 2014 u l-ittra tal-appell waslet ghand l-Arbitru fit-12 ta' Awissu 2014. F'dan ir-rigward ghamel riferenza ghall-artikoli 108(3) li jipprovdi li appell quddiem l-Arbitru ghandu jsir fi zmien tletin (30) gurnata, *"… mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-beneficjarju skont il-kaz"*. Fl-ewwel lok dan m'huwiex terminu ta' preskrizzjoni, izda terminu perentorju li fih ghandu jigi pprezentat l-appell. Fl-applikazzjoni ta' din id-diposizzjoni l-kuncett ta' ekwita, li ghalih ghamel riferenza l-Arbitru, hu ghal kollox irrilevanti. Fejn hemm disposizzjoni ta' ligi li timponi t-terminu li fih ghandu jsir appell, l-Arbitru ma jistax jiskartaha billi jinvoka l-ekwita'. Fit-tieni lok, ma saritx prova tad-data meta gie notifikat l-avviz tas-26 ta' Gunju, 2014. Ghalhekk m'hemmx prova tad-data minn meta bdew jiddekorru t-tletin (30) gurnata li jissemma fl-artikolu 108(3) tal-Kap.318. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju ma jistax jirnexxi.

5. Ghal dak li jikkoncerna l-meritu, wara li l-qorti qrat l-atti tosserva:

i. Isabelle Busuttil, Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi u Investigazzjoni, xehedet li: *"Fuq mistoqsija tar-rapprezentant tad-Dipartiment, l-Ispettur tghid li wriethom kwantita' ta' hwejjeg tat-tifel u anke taghha"*. Dikjarazzjoni li tistona ma' dak li jinghad fir-rapport li qalet li kien thejja minnha, u li hi stess ipprezentat. Fir-rapport jinghad li hwejjeg tat-tifel kienu nstabu biss flokk u qalziet.

ii. Madankollu l-qorti hi tal-fehma li bazat fuq dak li jinghad fir-rapport, l-appellant kien gustifikat li jwaqqaf l-ghajnuna socjali. Dan meta tqies li:

  i. Il-qorti taraha difficli temmen li l-hwejjeg tal-appellata kienu mhalltin ma' dawk ta' ommha. Isabelle Busuttil xehedet li: *"…. Il-hwejjeg li wriethom kienu hwejjeg li kienu qeghdin ma' ta' ommha"*. Id-dar tal-genituri tal-appellata, fejn suppost kienet qeghda tghix, m'hijiex zghira u hemm iktar minn kamra tas-sodda wahda. Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ghalfejn il-hwejjeg tal-appellata kienu fl-istess gwardarobba ma' dawk ta' ommha. Min-naha tal-appellata ma offriet l-ebda spjegazzjoni ghalfejn hwejjigha kienu mhalltin ma' ta' ommha.

ii. Hwejjeg tat-tifel ma kienx hemm ghajr flokk u qalziet ta' tifel zghir. Fil-fatt l-appellata stess xehedet li t-tifel kien ighix ma' missieru (seduta tat-23 ta' Gunju, 2015).

6. Meta l-appellata xehedet, ma kkummentat xejn dwar dak li jinghad fir-rapport, u cjoe', *"…. li Aiden kien jippreferi joqghod ghand missieru u ma tantx kien ikun irid jigi ghand in-nanna tieghu"*. Sahansitra qalet li issa kienet qeghda tghix fl-istess dar ma' zewgha, minghajr ma tat raguni ghalfejn. Il-qorti lanqas ma temmen lill-appellata li m'ghamlitx is-separazzjoni ghaliex ma kellhiex mezzi. Jekk riedet li ssehh is-separazzjoni u ma kellhiex il-mezzi biex thallas avukat, kellha kull opportunita li tmur ghand l-avukat tal-ghajnuna legali biex tkun assistita.

7. Il-qorti tqies li fiz-zmien li saret l-ispezzjoni, kienu rrizultaw cirkostanzi differenti minn dawk li kien hemm fi zmien li l-appellat applikat u nghatat l-ghajnuna socjali. Tibdil li kien jimponi dmir fuq l-appellata li tgharraf lill-appellant dwarhom. Haga li m'ghamlitx. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li fl-applikazzjoni, l-appellata obbligat ruhha li, *"…. Ninforma minnufih lid-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali b'kull tibdil fic-cirkostanzi li jidhru hawn fuq"*. L-appellant kien gustifikat li jwaqqaf l-ghajnuna socjali.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-ewwel aggravju.**

2. **Tilqa' t-tieni aggravju u thassar id-decizjoni tal-Arbitru u tikkonferma d-decizjoni tal-appellant.**

**Spejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.